Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-Eżenzjonijiet mit-taxxa applikabbli għad-dħul permanenti minn xi Stat Membru tal-proprjetà personali ta' individwi (verżjoni kkodifikata)

COM(2008) 376 finali — 2008/0120 (COD)

(2009/C 77/31)

Nhar it-18 ta' Ġunju, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 262 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

Eżenzjonijiet mit-taxxa applikabbli għad-dħul permanenti minn xi Stat Membru tal-proprjetà personali ta' individwi (verżjoni kkodifikata)

Billi l-Kumitat jikkunsidra li l-kontenut tal-proposta huwa kompletament sodisfaċenti u li m'hemm bżonn tal-ebda kummenti min-naħa tiegħu, matul l-447 sessjoni plenarja tiegħu tas-17 u tat-18 ta' Settembru 2008 (seduta tas-17 ta' Settembru), iddeċieda b'unanimità li jagħti opinjoni favorevoli għat-test propost.

Brussell, is-17 ta' Settembru 2008.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Dimitris DIMITRIADIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar L-Istrateġija UE-Afrika

(2009/C 77/32)

F'ittra ddatata l-11 ta' Lulju 2007, il-Kummissarju Louis Michel, Kummissarju għall-Iżvilupp u l-Għajnuna Umanitarja, talab lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew biex iħejji opinjoni esploratorja dwar

"L-Istrateġija UE-Afrika".

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għar-Relazzjonijiet Esterni, inkarigata sabiex tipprepara l-hidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar is-17 ta' Lulju 2008. Ir-rapporteur kien is-Sur Dantin.

Matul l-447 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fis-17 u t-18 ta' Settembru (seduta tat-18 ta' Settembru 2008), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'89 vot favur, l-ebda vot kontra u l-ebda astensjoni.

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Fil-kuntest globalizzat tas-seklu l-ġdid, **hemm bżonn ta' evoluzzjoni konsiderevoli tar-relazzjonijiet bejn l-Ewropa u l-Afrika, billi nitgħallmu mill-esperjenzi tal-passat** u b'mod partikulari billi naħdmu għal sħubija bbażata fuq drittijiet u dmirijiet ugawli. Wara snin sħaħ ta' kooperazzjoni u ta' għajnuna għall-iżvilupp, il-faqar estrem tal-Afrika qed jaggrava u jiħrax. Il-frott ta' tkabbir li mexa f'direzzjoni ħażina, ikkaratterizzat minn livell baxx ta' impjiegi ġodda, ma nxteridx b'mod ugwali u b'hekk żdiedu l-inugwaljanzi. Iktar minn 55 % tal-popolazzjoni tal-Afrika sub-Saħarjana tgħix b'inqas minn dollaru fil-ġurnata, madwar 70 % tal-għadd totali tal-impjiegi huma impjiegi informali u ta' sussistenza u aktar minn 57 % minnhom huma impjiegi fis-settur tal-agrikoltura. Dan kollu juri nuqqas drammatiku ta' impjiegi deċenti u produttivi.

1.2 Il-kwistjoni hija importanti ħafna għall-iżvilupp u l-istabbiltà tal-kontinent Afrikan, iżda hija importanti wkoll għas-sigurtà tal-kontinent Ewropew u l-kapaċità tiegħu li joħloq tkabbir sostenibbli.

1.3 Il-politiki tal-iżvilupp li ġew implimentati s'issa mill-Unjoni Ewropea, li kienu r-riżultat ta' diversi ftehimiet (Lomé, Yaoundé, Cotonou), u l-fondi ddedikati għalihom **ma kisbux ir-riżultat mixtieq**, b'mod speċjali fir-rigward tal-ħolqien ta' xogħol deċenti. Is-sitwazzjoni **ma tistax tibqa' kif inhi.** Jeħtieġ li jsir tibdil, u għalhekk il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon is-suċċess tas-summit UE-Afrika li sar f'Liżbona fit-8 u d-9 ta' Diċembru 2007.

1.3.1 Jilqa' b'mod partikulari l-fatt li l-kwistjoni tal-impjiegi ġiet ikkunsidrata b'mod trasversali.